# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' Settembru tas-sena 2001.**

**Numru 35**

**Avviz numru 1785/98/SM**

**France Zammit**

**vs**

**Mary Fenech**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-22 ta' Settembru ta' l-1998 li permezz tieghu l-attur France Zammit sejjah lill-konvenuta Mary Fenech quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:**

**1. Thallas is-somma ta' hames mija u sitta u sebghin lira u hamsa u hamsin centezmu (LM576.55,0), jew somma ohra verjuri, danni minnha kkagunati fl-incident awtomobilistiku li gara nhar il-Erbgha 30 ta' April, 1997, ghall-habta tas-6.30 p.m., meta waqt li l-attur kien**

**qed isuq il-van tieghu Nru. U-4438, f'Naxxar Road, Lija u l-konvenuta kienet qed issuq il-karozza F-9633, hi baqghet hierga minn wara give-way sign u dahlet gol-van tal-mittent li diga kien qabad mar-roundabout;**

**2. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mill-prezentata ta' dan l-avviz;**

**3. Il-konvenuta ngunta wkoll biex tidher ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-7 t'Ottubru ta' l-1998 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:**

**1. Illi dak li talab l-attur ghandu jigi michud ghax ghall-incident awtomobilistiku "de quo" ma kienitx tahti l-eccipjenti;**

**2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Hadet in konjizzjoni tad-dikjarazzjoni tal-partijiet li qabblu li l-kawza tithalla ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-incident awtomobilistiku de quo sehh fit-30 t'April ta' l-1997 ghall-habta tas-6.30 ta' filghaxija;**

**2. Illi l-vetturi nvoluti kienu dik tal-marka Isuzu bin-numru ta' registrazzjoni U-4438 misjuqa minn France Zammit, l-attur, u dik tal-marka Subaru bin-numru ta' registrazzjoni F-9633 misjuqa mill-konvenuta;**

**3. Illi skond il-versjoni ta' l-attur jirrizulta li hu kien hiereg mill-"by-pass" ta' Birkirkara fid-direzzjoni**

**ta' Hal-Lija meta waqaf, ivverifika li fuq il-lemin tieghu ma kienux gejjin karozzi u meta accerta ruhu b'dan saq biex idur mar-"roundabout" ta' Hal-Lija;**

4. **Illi waqt li l-attur kien fil-process li jdur mar-"roundabout" u qasam Naxxar Road, giet il-vettura tal-konvenuta minn naha ta' Birkirkara u laqtet il-"mudguard" u l-"bumper" tieghu;**

5. **Illi jidher li l-konvenuta lanqas zammet "brake" ghalkemm kienet gejja minn direzzjoni li kellha s-sinjal tal-"give way";**

6. **Illi da parti taghha l-konvenuta issostni li hi kienet waqfet biex il-vettura l-ohra tghaddi u f'daqqa wahda semghet daqqa fuq ix-xewka tal-vettura taghha, in-naha ta' quddiem;**

7. **Illi d-danni pertizi mill-attur huma debitament ipprovati, (ara fol 30);**

**Ikkonsidrat:**

**Illi skond l-iskizz pprezentat f'din il-procedura jidher li l-vettura bin-numru F-9633 misjuqa mill-konvenuta kienet gejja minn wara l-vettura U-4438;**

**Illi konsegwentement il-konvenuta kellha l-obbligu zzomm "proper look out", izzomm id-distanza ta' sigurta' mill-vetturi quddiemha u tippermetti l-vetturi ta' qabilha jimmanuvraw ir-"roundabout" b'kumdita';**

**Illi ghaldaqstant filwaqt li tirrespingi l-posizzjoni tal-konvenuta tilqa' t-talbiet attrici u allura:**

1. **Tiddikjara lill-konvenuta Mary Fenech unikament responsabbli ghall-incident meritu ta' din il-procedura;**

2. **Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' hames mija u sitta u sebghin Lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu, (LM576.55,0);**

**3. Tikkundanna lill-konvenuta Mary Fenech biex thallas l-ammont hekk likwidat, bl-ispejjez u imghaxijiet dovuti.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**